MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GINO CAMILLERI

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2006

Citazzjoni Numru. 2513/1997/1

**Mekkanika Limited**

**vs**

**Gillieru Limited**

Il-Qorti

Rat ic-citazzjoni fejn is-socjeta' attrici ppremettiet:-

Illi socjeta' attrici ipprovdiet materjal, xoghol, u servizzi teknici u professjonali ghas-socjeta' konvenuta fuq inkarigu taghha stess;

Illi ghal dawn is-servizzi, materjal u xoghol hija dovuta s-somma ta’ elfejn u tnejn u disghin lira maltija (Lm2092);

Illi ghalkemm interpellati anki b’ittra ufficjali tal-14 ta’ Ottubru 1997, is-socjeta’ konvenuta baqghet indadempjenti;

Ghalhekk is-socjeta attrici talbet li s-socjeta’ konvenuta tghid ghaliex din il-Qorti ma ghandhiex;

1. tikkundannaha thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ Lm2092 ghar-ragunijiet fuq esposti;
Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-14 ta’ Ottubru 1997, u bl-imghax kummercjali kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta attrici debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet presentata fit-12 ta’ Gunju 1998;

Rat id-digriet taghha (diversament preseduta) tas-26 ta’ Ottubru 1999 li bih giet awtorizzata korrezzjoni fl-isem tas-socjeta konvenuta;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn gie eccepit :-

Illi t-talba attrici ghall-hlas hi infondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjeta attrici naqset mill-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha billi ix-xoghol ma giex kompletat u f’xi bnadi ma sarx skond is-sengha u l-arti; u dan skond il-principju legali ‘inadempjenti non est ademplendum’;

Illi b’konsegwenza tan-nuqqasijiet tas-socjeta eccipjenti soffriet danni li qed tirreklamahom b’kontro-talba pprezentata kontestwalment;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Rat il-kontro-talba tas-socjeta konvenuta fejn gie premess :-

Illi s-socjeta esponenti b'ittra tal-14 ta' Settembru 1992 – Dok K1 gia ezebita – accettat l-offerta tas-socjeta attrici ghal xoghol ta' mechanical electrical u air conditioning services fil-Gillieru Hotel, skond il-kundizzjonijiet hemm indikati;

Ili kif jirrizulata mill-ittra tal-Ingineer Joseph Muscat Dok JM1 u JM2, certi items forniti mis-socjeta attrici ma kienux adattati u kellhom jigu sostitwiti ghas-spejjez tas-socjeta esponenti;

Illi fit-22 ta' Lulju 1996 sar inkontru bejn il-partijiet, u s-socjeta esponenti accettat bla pregudizzju li thallas l-ammont mhux kontestat ta' Lm2437.50 li thallas b'ittra tal-24 ta; Lulju 1996 bil-kundizzjoni li s-socjeta attrici kellha kemm jista' jkun malajr tipprovdi l-parts li minnhom kienet ilmentat is-socjeta esponenti fl-istess inkontru;

Illi fit-3 ta' Frar 1997 aktar minn sitt xhur wara, s-socjeta attrici infurmat lis-socjeta esponenti li part wahda l-'filling point' setghet tigi kkonsenjata u ma ssemma xejn dwar l-items l-ohra;

Illi dan in-nuqqas ta' konsenja tempestiva mis-socjeta attrici kkaguna danni lis-socjeta esponenti, li ghalihom hi unikament responsabbli;

Ghalhekk is-socjeta konvenuta talbet li s-socjeta attrici thgid ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex;

1. Tiddikjarha inadempjenti meta naqset li tirrimejda tempestivament ghan-nuqqasijiet ilmentati mis-socjeta esponenti u minnha accettati;

2. Tiddikjarha responsabbli ghad-danni konsegwenzjali sofferti mis-socjeta esponenti; u

3. Tillikwida l-istess danni okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi u tikkundanna lis-socjeta attrici thallas id-danni hekk likwidati lis-socjeta esponenti;

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tas-socjeta attrici ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta konvenuta annessa mal-kontro-talba u debitament konfermata bil-gurament u l-lista tax-xhieda taghha;

Semghet ix-xhieda prodotti mill-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju 2003 minn fejn jirrizulta li s-socjeta konvenuta rtirat il-kontro-talba u fejn gie dikjarat mill-istess socjeta konvenuta li mhux il-kaz li tinghata decizjoni dwar l-istess kontro-talba;

Rat l-atti lohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Semghet it-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-partijiet;

Rat li l-kawza giet differita ghas-sentenza;

Ikkonsidrat:

Is-socjeta attrici tippretendi li hi kreditrici tas-socjeta konvenuta fis-somma ta' elfejn u tnejn u disghin lira maltija (Lm2092) rappresentanti materjal, xoghol, u servizzi teknici u professjonali provduti lis-socjeta konvenuta fuq inkarigu taghha stess. Ghalhekk is-socjeta attrici qed titlob li s-socjeta' konvenuta tigi kundannata thallas l-istess somma;

Is-socjeta konvenuta teccepixxi li s-socjeta attrici naqset mill-obbligazzjonijiet kontrattwali taghha billi ix-xoghol ma giex kompletat u f'xi bnadi ma sarx skond is-sengha u l-arti. Minhabba dawn in-nuqqasijiet tas-socjeta attrici, s-socjeta konvenuta soffriet danni u ghalhekk ghamlet kontro-talba;

Skond l-imsemmi verbal tas-seduta tad-9 ta' Gunju 2003 is-socjeta konvenuta rtirat jew cediet il-kontro-talba u ghalhekk din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess kontro-talba;

Ghalhekk jibqa biss li tigi esaminata t-talba attrici fl-isfond tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta;

Mill-provi jirrizulta li s-socjeta konvenuta kienet tat istruzzjonijiet lis-socjeta attrici biex tinstalla diversi sistemi ta' air conditioning u ta' dawl u ilma fil-Gillieru Hotel. Il-kuntratt kollu kien jiswa mal mija u hamsin elf liri maltin;

Diretturi tas-socjeta attrici kkonfermaw li x-xoghol kollu relattiv tlesta. Huma kkonfermaw ukoll li s-socjeta konvenuta ghad ghandha thallas l-amont indikat fic-citazzjoni. Huwa spjegaw li kien hemm component fis-sistema tal-fuel storage li s-socjeta konvenuta nsistit li kellu jinbiddel. Is-socjeta attrici accettat li tbiddel dan il-component. Huma kkonfermaw ukoll li sakhemm gie dan il-component minn barra ghadda z-zmien u dana peress li l-kumpanija li kienet issuppliet il-component, originarjament, kienet falliet u il-istess parti kellha tingieb minnghand haddiehor. Minhabba dan id-dewmien is-socjeta konvenuta rrifjutat li taccetta l-component. Huma kkonfermaw li l-ammont pretiz fic-citazzjoni jeskludi l-prezz ta' dan il-component. Huma kkonfermaw ukoll li l-ftehim mas-socjeta konvenuta kien li malli jigi konsenjat dan il-component is-socjeta konvenuta kella thallas l-ammont pendenti cioe' dak indikat fic-citazzjoni;

Minn dana kollu jirrizulta li l-ammont mitlub mis-socjeta attrici in effett jinkludi l-prezz tal-imsemmi component. Di fatti l-ftehim kien li malli tigi konsenjata din il-parti, s-socjeta konvenuta kellha thallas l-ammont indikat fic-citazzjoni. Jirrizulta li din il-parti ma gietx konsenjata fi zmien ragjoneoli. Ghalhekk is-socjeta konvenuta kienet gustifikata li ma taccettax l-istess parti u ghalhekk, fi kwalunkwe kaz, ghandu jitnaqqas il-valur ta' din il-parti mill-ammont pretiz mis-socjeta attrici. Gie konfermat mis-socjeta attrici li l-valur ta dan il-component hu ta' circa mitejn u sebghin liri maltin (Lm270) u x-xoghol relattiv biex tigi stallata l-istess component gie kalkolat li jiswa ghoxrin liri maltin (Lm20). Ghalhekk, fi kwalunkwe kaz mis-somma in kwestjoni irid jitnaqqas l-ammont ta' mitejn u disghin liri maltin (Lm290);

Direttur u l-inginier tas-socjeta konvenuta sostanzjalment qabblu ma dak li qalu x-xhieda prodotti mis-socjeta attrici, hlief ghal-valur tal-component in kwestjoni. Jidher pero' li l-valur mghoti mis-socjeta attrici hu aktar verosimili. Inoltre barra l-parti gia indikata kien hemm pompa tal-ilma li marret hazin u kella tinbidel. Il-valur ta' din il-pompa gie kalkolat fis-somma ta' mitt liri maltin (Lm100), liema somma hi wahda ragjonevoli;

Ghar-rigward tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta ghandu jinghad li, in effett, jirrizulta biss li, mill-kuntratt kollu in kwestjoni, gew suppliti mis-socjeta attrici zewg ogetti zghar li kienu difettuzi. Ghalhekk ma jistax jinghad li jrrizulta sufficjenetement pruvat li l-appalt ma giex kompletat u lanqas ma jirrizulta li x-xoghol ma sarx kollu skond is-sengha u l-arti. B'hekk l-eccezzjonijiet ma jirrizultawx sufficjentement pruvati u ghalhekk ghandhom jigu rigettati. Mill-kumpless tal-provi prodotti t-talba attrici ghanda tigi akkolta pero' imnaqqsa bis-somma ta' tellt mija u disghin liri maltin (Lm390) u cioe Lm290 + Lm100 kif fuq spjegat;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenutau u billi fit-tieni lok tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici ghar-ragunijiet indikati fic-citazzjoni s-somma ta’ elf seba mija u zewg liri maltin (Lm1702) u dana bl-imghaxxijiet legali mid-data ta’ din is-zsentenza sad-data tal-effettiv pagament. Fit-tielet lok tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kontro-talba tal-konvenuti.

In vista tac-cirkostanzi partikolari tal-kaz spejjez bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------